MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Numru 99/2005

Il-Pulizija
(Sp Dennis Theuma u
Sp Pierre Grech)
vs
Nagib el Hadi el Mezoughi, iben
El Hadi, imwieled Pariġi, Franza
Fis-16 ta' settembru, 1964

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli fl-1 ta' frar, 2005, f'dawn il-Gżejjer, ħarab minn post ta' kustodja jew ta' piena jew minn xi sptar fejn ikun qiegħed għall-kura jew osservazzjoni, jew mill-kustodja tal-persuna jew persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu meta tali ħarba saret bi vjolenza fuq xi persuna;

2. talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanżi ħarab mill-kustodja tal-persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu skond il-liġi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti ma tirrizulta ebda prova li tista' twassal lil din il-Qorti li ssib lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu. Min-naħa l-oħra t-tieni akkuża ġiet pruvata.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 151 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------